MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 234/2007

Kawza fil-lista: 36

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Louise Tufigno nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti C D.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-6 ta’ Awissu 2002 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

2. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibli minhabba sevizzi, ingurji gravi, theddid, vjolenza morali, adulterju u

abbandun kommessi da parti tal-konvenuta u kif ukoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru.

3. Illi miz-zwieg twieldu zewgt itfal ossia E ta' erba' snin u F ta' sena u dan kif jirrizulta mill-annessi certifikati tat-twelid (Dok B u C).

4. Illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja), kopja ta' liema qed jigi anness u mmarkat Dok. D, liema digriet gie prorogat permezz ta' digriet iehor (Dok E).

Ghaldaqstant l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut kif hawn fuq premess.

2. Tafda lill-attrici bil-kura u kustodja taz-zewgt itfal minuri E u F.

3. Tapplika kontra l-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati fil-Kodici Civili fosthom dawk kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f' zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba, okkorrendo billi tinnomina periti nominandi.

5. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur il-proprjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ungunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew:

1. Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu r-risposti taghhom fid-dettal fi stadju ulterjuri meta jikkomunikaw mal-assenti konvenut.

2. Illi ghal dan l-iskop l-esponenti kitbu lill-avukat tal-attrici sabiex jinghataw kwalunkwe informazzjoni li hu u/jew l-attrici ghandhom dwar l-indirizz tal-assenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut assenti, ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38,40 u 41 tal-Kap.16 unikament imputabbli lill-konvenut.

Illi fis-6 ta' Awissu 2002 l-attrici, cittadina maltija, izzewwget lill-konvenut, cittadin morokkin, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal E ta' erba snin u F ta' sena.

Illi sussegwentement dan iz-zwieg gie annullat minn din il-Qorti, u ghalhekk it-talbiet numri [1] u [3] gew sorvolati bid-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg.

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2007 l-attrici ddikjarat li ma hemmx assi fil-komunjoni ta' l-akkwist u hi m' ghandhiex assi parafernali li huma fil-pussess tal-konvenut.

Illi ghalhekk l-unika vertenza li baqghet ghad-decizjoni ta' din il-Qorti hija l-kura u kustodja taz-zewgt-it tfal minuri tal-partijiet; u din il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-minuri ghadhom zghar hafna, tenut kont tal-fatt li dawn ilhom fil-kura ta' ommhom l-attrici minn mindu twieldu, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-konvenut illum huwa assenti minn dawn il-Gzejjer, tikkunsidera fl-interess tal-minuri li dawna jigu fdata esklussivament f' idejn l-attrici ommhom.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet numri wiehed, tlieta u hamsa;
[2] tilqa' t-talba numru erba limitatament billi tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti; filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kumplament;
[3] tilta' t-talba numru tnejn u tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri E u F, esklussivament f' idejn l-attrici bid-dritt ta' access kontrollat ghall-missier;

L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut assenti, izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------